32006D0194

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Marzu 2006

li tistabbilixxi kwestjonarju dwar id-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis (IPPC)

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 598)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/194/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ta' l-24 ta' Settembru 1996 li tikkonċerna l-prevenzjoni u l-kontroll integrat ta' tniġġis [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 16(3) tagħha,

Billi:

(1) Il-kwestjonarju li jrid jintuża mill-Istati Membri għall-għan tat-tfassil tar-rapporti dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/61/KE dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis għandu jimmira li jaċċerta rendikont ddettaljat ta' l-applikazzjoni mill-Istati Membri u l-miżuri ewlenin stabbiliti f'dik id-Direttiva.

(2) Fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/61/KE u fl-użu tal-kwestjonarji ta' qabel, kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/391/KE tal-31 ta' Mejju 1999 dwar il-kwestjonarju li għandu x'jaqsam mad-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE li tikkonċerna l-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis (IPPC) (l-implementazzjoni tad-Direttva tal-Kunsill 91/692/KEE) [2], il-kwestjonarju għall-perjodu 2006-2008 jrid jiġi adattat. Għal raġunijiet ta' ċarezza d-Deċiżjoni 1999/391/KE għandha tiġi sostitwita.

(3) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE [3],

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kwestjonarju kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni dwar id-Direttiva 96/61/KE huwa b'dan stabbilit.

L-Istati Membri għandhom jużaw dan il-kwestjonarju bħala bażi sabiex ifasslu r-rapport li jrid jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 96/61/KE li jkopri l-perjodu taż-żmien mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2008.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 1999/391/KE hija b'dan irrevokata.

Artikolu 3

Din id-Deċiżoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, it-2 Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni

Stavros DIMAS

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 257, ta' l-10.10.1996, p. 26. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).

[2] ĠU L 148, tal-15.6.1999, p. 39. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2003/241/KE (ĠU L 89, tal-5.4.2003, p. 17).

[3] ĠU L 377, 31.12.1991, p. 48. Direttiva kif emendata mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

ANNESS

Parti 1

Kwestjonarju dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/61/KE dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis (IPPC)

Noti ġenerali:

Dan it-tielet kwestjonarju skond id-Direttiva 96/61/KE jkopri l-perjodu 2006 sa l-2008. Fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tad-Direttiva u l-informazzjoni diġà miksuba permezz ta' l-ewwel kwestjonarju u mitluba fit-tieni kwestjonarju, il-kwestjonarju preżenti jiffoka fuq il-bidliet u l-progress li saru mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni proprja tad-Direttiva. Fir-rigward ta' l-aspetti tat-traspożizzjoni, il-Kummissjoni sejra ssegwi l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex tiżgura t-traspożizzjoni sħiħa u propja tad-Direttiva fil-liġijiet nazzjonali, notevolment permezz ta'segwitu bir-reqqa tal-proċeduri dwar ksur legali.

F'dawk il-każi fejn il-mistoqsijiet huma simili għal dawk il-kwestjonarji ta' qabel, meta s-sitwazzjoni tibqa' l-istess tista' sempliċiment ssir referenza għat-tweġibiet ta' qabel, għalkemm dan, b'mod ċar, mhux se jkun possibbli għall-Istati Membri li għalihom din tirrappreżenta l-ewwel perjodu ta' rapportaġġ. Jekk kien hemm żviluppi ġodda, dawn għandhom ikunu deskritti f'risposta ġdida. Madankollu, sabiex tgħin il-qarrej billi tagħmel it-tweġibiet tal-kwestjonarju b'mod komplet, jekk jogħġbok irriproduċi b'mod ġenerali t-test tat-tweġibiet ta' qabel meta hemm referenza għalihom b'dan il-mod, sakemm mhemmx raġunijiet prattiċi kontra dan.

Waqt li twieġeb il-kwestjonarju dwar mistoqsijiet speċifiċi dwar ir-regoli ġenerali li jorbtu, jew linjigwida uffiċjali maħruġa minn korpi amministrattivi, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni deskrittiva dwar it-tip ta' regoli jew linjigwida u web links jew mezzi oħra ta' aċċess għalihom, kif xieraq.

1. **Deskrizzjoni ġenerali**

1.1. Saru xi bidliet sinifikanti mill-aħħar perjodu ta' rapportaġġ (2003-2005) fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew sub-nazzjonali u għas-sistema(i) ta' permess li jimplimentaw id-Direttiva 96/61/KE? Jekk iva, iddeskrivi dawn il-bidliet u r-raġunijiet għalihom, u pprovdi referenzi għal-leġiżlazzjoni l-ġdida.

1.2. Fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/61/KE, l-Istati Membri għaddew minn xi diffikultajiet marbuta mad-disponnibilità u l-kapaċità tar-riżorsi tal-persunal? Jekk iva, iddeskrivi dawn id-diffikultajiet, pereżempju deskritti kif jixraq minn dejta dwar riżorsi attwali. Iddeskrivi xi pjanijiet biex tindirizza dawn id-diffikultajiet (pereżempju billi żżid l-kapaċità tal-persunal).

2. **In-numri ta' installazzjonijiet u permessi (Artikoli 2(3), 2(4) u 4)**

2.1. Għati dettalji tan-numri ta' installazzjonijiet ġodda u eżistenti kif ddefinit bid-Direttiva 96/61/KE (installazzjonijiet IPPC) u permessi bit-tip ta' attività, li jirreferu għat-*template* u n-noti stabbiliti fil-Parti 2.

3. **Installazzjonijiet eżistenti (Artikolu 5)**

3.1. Iddeskrivi xi miżuri li jorbtu legalment jew pjanijiet amministrattivi stabbiliti biex tiżgura konformità mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 5(1) sat-30 ta' Ottubru 2007. L-operaturi kienu obbligati jressqu l-applikazzjonijiet għall-permess għal dan il-għan, jew setgħu l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-operaturi jressqu t-tali applikazzjonijiet?

4. **Applikazzjonijiet għall-permess (Artikolu 6)**

4.1. Iddeskrivi xi regoli ġenerali li jorbtu, dokumenti ta' gwida jew formoli ta' applikazzjoni prodotti biex jkun żgurat li l-applikazzjonijiet fihom l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 6, jew b'mod ġenerali jew dwar kwistjonijiet speċifiċi (eż. metodoloġija għall-evalwazzjoni ta' emissjonijiet sinifikanti mill-installazzjonijiet).

5. **Il-kordinament u l_kundizzjonijiet tal-proċedura ta' l-għoti tal-permessi (Artikoli 7-8)**

5.1. Iddeskrivi xi bidliet li saru mill-aħħar perjodu ta' rapportaġġ fl-istruttura ta' organizzazzjoni tal-proċeduri għall-għoti tal-permessi (livelli ta' awtoritajiet, distribuzzjoni ta' kompetenzi eċċ.).

5.2. Hemm xi diffikultajiet partikolari biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni sħiħa tal-proċedura u l-kundizzjonijiet ta' l-għoti tal-permessi, speċjalment meta jkun hemm iktar minn awtortità waħda kompetenti involuta, kif meħtieġ mill-Artikolu 7? Iddeskrivi xi dokumenti ta' leġiżlazzjoni jew gwida maħruġa dwar din il-kwistjoni.

5.3. X'dispożizzjonijiet legali, proċeduri jew gwida qed jintużaw biex ikun żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jirrifjutaw li jagħtu l-permess f'każi meta l-installazzjonijiet ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tad-Direttiva 96/61/KE? Jekk disponibbli, agħti informazzjoni dwar in-numri u ċ-ċirkostanzi fejn ġew irrifjutati l-permessi.

6. **Kemm huma adegwati u xierqa l-kundizzjonijiet ta' l-għoti tal-permess (Artikoli 3(d), 3(f), 9, 16(1), 16(2))**

6.1. Iddeskrivi xi regoli ġenerali li jorbtu jew linjigwida speċifiċi għall-awtoritajiet kompetenti li nħarġu mill-kwistjonijiet li ġejjin:

(1) il-proċeduri u l-kriterji biex jiġu ffissati valuri ta' limitu ta' emissjonijiet u kundizzjonijiet oħra għall-permess.

(2) il-prinċipji ġenerali biex jiġu ddeterminati l-aħjar tekniki disponibbli.

(3) l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 9(4).

6.2. Kwistjonijiet marbuta mad-Dokumenti ta' Referenza BAT (BREFs) stabbiliti skond l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 96/61/KE:

(4) Kif, f'termini ġenerali, hija kkunsidrata l-informazzjoni ppubblikata mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 16 (2), b'mod ġenerali jew f'każi speċifiċi meta jiġu determinati l-aħjar tekniki disponibbli? Kif inhuma użati l-BREFs b'mod konkret biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-permess? Il-BREFs (jew partijiet minnhom) huma tradotti?

(5) Bħala sors tat-tagħrif sabiex jiġu stabbiliti l-valuri tal-limiti ta' l-emissjonijiet, il-parametri ekwivalenti u l-miżuri tekniċi bbażati fuq l-aħjar metodi tat-teknika disponibbli, kemm huwa utli t-tagħrif ippubblikat mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 16(2)? Kif jista jittejjeb?

6.3. Kwistjonijiet oħra dwar l-kundizzjonijiet għall-permessi:

(6) Tqiesu s-sistemi ta' immaniġjar ta' l-ambjent meta ġew stabbiliti l-kundizzjonijiet? Jekk iva, kif?

(7) X'tipi ta' kundizzjonijiet għall-għoti ta' permess jew miżuri oħra ġew applikati tipikament għall-għanijiet ta' l-Artikolu 3(f) (restawr tal-post meta jitwaqqfu għal kollox l-attivitajiet) u kif ġew implimentati fil-prattika?

(8) X'tipi ta' kundizzjonijiet għall-għoti ta' permessi dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija ġew tipikament iddeterminati (Artikolu 3(d))? Kif intużat il-possibilità stabbilita fl-Artikolu 9(3) li tagħżel li ma timponix ir-rekwiżiti dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija?

7. **Dejta rappreżentattiva disponibbli (Artikolu 16(1))**

7.1. Ipprovdi d-dejta disponibbli fuq il-valuri ta' limitu u l-prestazzjoni ta' l-ambjent stabbiliti minn kategorija speċifika ta' attivitajiet skond l-Anness I għad-Direttiva 96/61/KE u, jekk xieraq, l-aħjar tekniki disponibbli minn fejn jiġu dawk il-valuri. Iddeskrivi kif din d-dejta ġiet magħżula u miġbura. *Qabel jew waqt il-perjodu ta' rappurtaġġ, il-Kummissjoni sejra tissuggerixxi gwida biex tirrispondi għal din il-mistoqsija sabiex timmira għal żewġ setturi partikolari. Id-dejta rapportata (fuq valuri ta' limitu ta' emissjonijiet u l-prestazzjoni ambjentali) se jkunu evalwati biex jitqabblu, kemm jista' jkun, il-valuri ta' limitu stabbiliti u l-prestazzjoni miksuba. Imbagħad ikun jista' jsir tqabbil mal-livelli ta' emissjonijiet marbuta mal-BAT fi BREFs.*

8. **Regoli ġenerali li jorbtu (Artikolu 9(8))**

8.1. Għal liema kategoriji ta' installazzjonijiet u liema rekwiżiti, jekk hemm, għandhom regoli ġenerali li jorbtu stabbiliti, kif previst bl-Artikolu 9(8)? Ipprovdi referenza għar-regoli ġenerali li jorbtu. X'forma jieħdu regoli bħal dawn (eż min jistabbilixxihom u xi stat legali għandhom)? Meta jiġu applikati regoli bħal dawn, xorta ssir dispożizzjoni biex jitqiesu il-fatturi lokali (msemmija fl-Artikolu 9(4))?

8.2. Jekk magħrufa, liema numru ta' installazzjonijiet (kemm bħala numru assolut jew bħala persentaġġ) kienu suġġetti għal dawn ir-regoli sa' l-aħħar tal-perjodu ta' rappurtaġġ?

9. **Standards ta' kwalità ambjentali (Artikolu 10)**

9.1. Kien hemm każi fejn japplika l-Artikolu 10 u l-użu ta' l-aħjar tekniki disponibbli mhuwiex biżżejjed biex jissodisfa l-istandard ta' kwalità ambjentali stabbilit fil-leġiżlazzjoni Komunitarja (kif definit fl-Artikolu 2(7))? Jekk iva, agħti eżempji ta' każi bħal dawn u l-miżuri addizzjonali li ttieħdu.

10. **L-iżviluppi fl-aħjar metodi tat-teknika disponibbli (Artikolu 11)**

10.1. Ittieħdu xi passi biex ikun żgurat li, skond l-Artikolu 11, l-awtoritajiet kompetenti jsegwu jew ikunu infurmati bl-iżviluppi fl-aħjar metodi tat-teknika disponibbli? Jekk iva, ipprovdi dettalji. Jekk le, xi pjanijiet hemm biex jintlaħaq dan ir-rekwiżit?

11. **Bidliet għall-installazzjonijiet (Artikoli 12, 2(10))**

11.1. Kif jagħmlu l-awtoritajiet kompetenti biex jiddeċiedu fil-prattika, skond l-Artikolu 12, jekk "bidla fl-operazzjoni" jistax ikollha konsegwenzi fuq l-ambjent (Artikolu 2(10)(a)), u jekk bidla bħal din hijiex "bidla sostanzjali" li jista' jkollha effetti negattivi fuq il-bnedmin jew l-ambjent (Artikolu 2(10)(b))? Agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti legali, gwida jew proċeduri.

11.2. Liema numru ta' applikazzjonijiet għal "bidliet sostanzjali" ġew iddeterminati waqt il-perjodu ta' rappurtaġġ? Ipprovdi d-dejta bit-tip ta' attività, waqt li tirreferi għat-*template* u n-noti stipolati fil-Parti 2.

12. **Il-konsiderazzjoni mill-ġdid u l-aġġornament tal-kondizzjonijiet tal-permessi (Artikolu 13)**

12.1. Il-frekwenza ta' konsiderazzjoni mill-ġdid u fejn jeħtieġ, aġġornament ta' kundizzjonijiet ta' permessi (Artikolu 13) hija speċifikata fil-liġi nazzjonali jew subnazzjonali, jew determinata b'mezzi oħra, bħal limiti ta' ħin fil-permessi? Jekk iva, x'inhuma dawk il-mezzi l-oħra? Agħti referenza għal-leġiżlazzjoni rilevanti legali, gwida jew proċeduri.

12.2. X'inhi l-frekwenza rappreżentattiva (jew il-frekwenza rappreżentattiva mistennija) għall-konsiderazzjoni mill-ġdid tal-kundizzjonijiet għall-permessi? F'każi fejn hemm id-differenzi bejn l-installazzjonijiet jew is-setturi, ipprovdi informazzjoni illustrattiva jekk disponibbli.

12.3. F'hiex jikkonsisti l-proċess ta' kunsiderazzjoni mill-ġdid u l-aġġornament ta' kundizzjonijiet għall-permessi? Kif inhi implimentata d-dispożizzjoni għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-kundizzjonijiet għall-permessi f'każi fejn hemm bidliet fl-aħjar tekniki disponibbli? Agħti referenza għal-leġiżlazzjoni legali, gwida jew proċeduri rilevanti.

13. **Il-konformità mal-kondizzjonijiet tal-permessi (Artikolu 14)**

13.1. Fil-prattika, kif inhu implimentat ir-rekwiżit ta' l-Artikolu 14 li l-operaturi jinformaw b'mod regolari l-awtoritajiet bir-riżultati tal-monitoraġġ tar-rilaxx? Agħti referenza għal xi regolamenti, proċeduri jew linjigwida speċifiċi għall-awtoritajiet kompetenti dwar dan is-suġġett. Jitressaq rapport ta' monitoraġġ perjodiku mill-operaturi? Ipprovdi informazzjoni dwar il-frekwenza rappreżentattiva għat-tressiq ta' informazzjoni bħal din. F'każi fejn hemm id-differenzi bejn is-setturi, ipprovdi informazzjoni jekk disponibbli.

13.2. Sakemm huwa disponibbli, u jekk ma ġietx imressqa fir-rappurtaġġ skond ir-Rakkomandazzjoni li tipprevedi kriterji minimi għal spezzjonijiet ambjentali fl-Istati Membri, ipprovdi informazzjoni rappreżentattiva, dwar installazzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 96/61/KE, dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

— l-ispezzjonijiet fuq il-post li jsiru u t-teħid tal-kampjuni (tip, numru, frekwenza).

— tipi u numri ta' azzjonijiet (eż. sanzjonijiet jew miżuri oħra) li ttieħdu b'riżultat ta' inċidenti, aċċidenti u nonkonformità mal-kundizzjonijiet tal-permessi.

14. **It-tagħrif u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku (Artikoli 15, 15a)**

14.1. X'bidliet sinifikanti kien hemm, jekk fil-fatt kien hemm, mill-aħħar perjodu ta' rappurtaġġ fit-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni li tipprevedi l-informazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċedura tal-permessi, kif meħtieġ bid-Direttiva 96/61/KE (Artikoli 15 u 15a) kif emendata bid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1])? X'kien l-effett tar-rekwiżiti emendati fuq l-awtoritajiet kompetenti, l-applikanti għall-permessi u l-pubbliku kkonċernat?

15. **Kooperazzjoni li taqsam il-fruntieri (Artikolu 17)**

15.1. Kien hemm waqtiet fil-perjodu ta' rappurtaġġ fejn ntużaw ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 17 fir-rigward ta' l-informazzjoni u l-kooperazzjoni li taqsam il-fruntieri? Ipprovdi eżempji illustrattivi tal-proċeduri ġenerali li ntużaw.

([1]) ĠU L 156, tal-25.6.2003, p. 17.

16. **Ir-relazzjoni ma' strumenti komunitarji oħra**

16.1. Kif jaraw l-Istati Membri l-effikaċja tad-Direttiva 96/61/KE, fost ħwejjeġ oħra fil-paragun ma' l-istrumenti ambjentali l-oħra Komunitarji? Ibbażati fuq studji u analiżi rilevanti, jekk disponibbli, x'kienu stmati l-benefiċċji u n-nefqiet ambjentali (inkluż in-nefqiet amministrattivi u ta' konformità) ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/61/KE? Agħti referenza għal dawn l-istudji u l-analiżi.

16.2. X'inhi l-esperjenza prattika tiegħek rigward l-interazzjoni bejn ir-rekwiżiti ta' l-għoti tal-permessi skond id-Direttiva 96/61/KE u strumenti oħra Komunitarji li jistgħu japplikaw għal installazzjonijiet li jaqgħu taħt l-ambitu tad-Direttiva 96/61/KE? X'miżuri ttieħdu fi ħdan il-leġiżlazzjoni nazzjonali u sub-nazzjonali jew arranġamenti amministrattivi biex tikber l-koerenza bejn l-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/61/KE u strumenti oħra? Eżempji ta' strumenti oħra Komunitarji li jistgħu jkunu rilevanti għal din il-mistoqsija jinkludu:

— Id-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent ([1]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE dwar il-kontroll ta' perikoli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi ([2]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/13/KE dwar il-limitazzjoni ta' taħlit volatili organiku minħabba l-użu ta' solventi organiku f'ċerti attivitajiet u installazzjonijiet ([3]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f' terraferma ([4]),

— Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika dwar l-ilma ([5]),

— Id-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inċinerazzjoni ta' skart ([6]),

— Id-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-limitazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni ([7]),

— Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ([8]),

— Regolament (KE) Nru 166/2006.

16.3. Ġew introdotti miżuri mill-operaturi fil-livelli nazzjonali u subnazzjonali biex jikkonformaw ir-rappurtaġġ rikjest mill-awtoritajiet kompetenti skond id-Direttiva 96/61/KE u strumenti oħra Komunitarji? Jekk disponibbli, ipprovdi referenza għal miżuri bħal dawn, u xi possibilitajiet li inti tara għat-titjib tar-rekwiżiti ta' l-UE f'dan il-qasam.

17. **Osservazzjonijiet ġenerali**

17.1. Jeżistu kwistjonijiet partikolari dwar l-implimentazzjoni li joħolqu tħassib fl-Istat Membru tiegħek? Jekk iva, jekk jogħġbok ispeċifika.

([1]) ĠU L 175, tal-5.7.1985, p. 40.
([2]) ĠU L 10, ta' l-14.1.1997, p. 13.
([3]) ĠU L 85, tad-29.3.1999, p. 1.
([4]) ĠU L 182, tas-16.7.1999, p. 1.
([5]) ĠU L 327, tat-22.12.2000, p. 1.
([6]) ĠU L 332, tat-28.12.2000, p. 91.
([7]) ĠU L 309, tas-27.11.2001, p. 1.
([8]) ĠU L 275, tal-25.10.2003, p. 32.

Parti 2

Template għat-tweġiba għall-mistoqsija 2.1

Tabella 1

Tip ta' installazzjoni bbażata fuq l-attività' l-Anness 1 għad-Direttiva 96/61/KE (ara n-nota 1)	Permessi għal INSTALLAZZJONIJIET ĠODDA (Artikolu 4)		Permess għal installazzjonijiet eżistenti (Artikolu 5(1))							
	1. Numru ta' installazzjonijiet ġodda li jkunu qed joperaw fl-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 2)	2. Numru ta' permessi mogħtija sa l-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 3)	3. Numru ta' installazzjonijiet eżistenti li jkunu qed joperaw fl-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 2)	4. Numru ta' permessi ġodda mogħtija skond l-Artikoli 6 u 8 sa l-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 4a)	5. Numru ta' permessi ta' qabel l-*IPPC* ikkunsidrati mill-ġdid iżda mhux aġġornati sa l-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 4b)	6. Numru ta' permessi ta' qabel l-*IPPC* ikkunsidrati mill-ġdid u aġġornati sa l-2008 (ara n-nota 4c)	7. In-numru, jekk hemm, ta' permessi li jibqa' sa l-aħħar ta' l-2008 (f'konflitt mad-Direttiva), (ara nota 5)	8. Numru ta' installazzjonijiet (1+3)	9. Numru ta' applikazzjonijiet għal "bidliet sostanzjali" ddeterminati waqt il-perjodu ta' rappurtaġġ (ara n-nota 6)	10. Numru, jekk hemm, ta' permessi li jibqa' sa l-aħħar ta' Ottubru 2007 (f'konflitt mad-Direttiva), (ara n-nota 7)
1. **Enerġija**										
1.1. Kombustjoni										
1.2 Irfinar taż-żejt minerali u tal-gass										
1.3. Fran tal-kokk										
1.4. Il-gassifikazzjoni u tidwib tal-faħam										
2. **Metalli tal-ħadid**										
2.1. Inkaljar/tagħqid tal-minerali metalliċi										
2.2. Produzzjoni ta' ħadid jew azzar mhux ipproċessati										
2.3 (a) *Hot-rolling mills*										

Tip ta' installazzjoni bbażata fuq l-attività' l-Anness 1 għad-Direttiva 96/61/KE (ara n-nota 1)	Permessi għal INSTALLAZZJONIJIET ĠODDA (Artikolu 4)		Permess għal installazzjonijiet eżistenti (Artikolu 5(1))							
	1. Numru ta' installazzjonijiet ġodda li jkunu qed joperaw fl-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 2)	2. Numru ta' permessi mogħtija sa l-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 3)	3. Numru ta' installazzjonijiet eżistenti li jkunu qed joperaw fl-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 2)	4. Numru ta' permessi ġodda mogħtija skond l-Artikoli 6 u 8 sa l-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 4a)	5. Numru ta' permessi ta' qabel l-*IPPC* ikkunsidrati mill-ġdid iżda mhux aġġornati sa l-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 4b)	6. Numru ta' permessi ta' qabel l-*IPPC* ikkunsidrati mill-ġdid u aġġornati sa l-2008 (ara n-nota 4c)	7. In-numru, jekk hemm, ta' permessi li jibqa' sa l-aħħar ta' l-2008 (f'konflitt mad-Direttiva), (ara nota 5)	8. Numru ta' installazzjonijiet (1+3)	9. Numru ta' applikazzjonijiet għal "bidliet sostanzjali" ddeterminati waqt il-perjodu ta' rappurtaġġ (ara n-nota 6)	10. Numru, jekk hemm, ta' permessi li jibqa' sa l-aħħar ta' Ottubru 2007 (f'konflitt mad-Direttiva), (ara n-nota 7)
2.3 (b) Ferreriji										
2.3 (c) Applikazzjoni ta' passati protettivi ta' metall										
2.4. Funderiji										
2.5. (a) Produzzjoni ta' metalli mhux maħduma mhux tal-ħadid										
2.5. (b) Tidwib ta' metalli mhux tal-ħadid										
2.6. Trattament mill-wiċċ ta' metalli u materjali tal-plastik										
3. **Minerali**										
3.1. Produzzjoni ta' siment jew ġir										

Tip ta' installazzjoni bbażata fuq l-attività' l-Anness 1 għad-Direttiva 96/61/KE (ara n-nota 1)	Permessi għal INSTALLAZZJONIJIET ĠODDA (Artikolu 4)		Permess għal installazzjonijiet eżistenti (Artikolu 5(1))							
	1. Numru ta' installazzjonijiet ġodda li jkunu qed joperaw fl-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 2)	2. Numru ta' permessi mogħtija sa l-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 3)	3. Numru ta' installazzjonijiet eżistenti li jkunu qed joperaw fl-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 2)	4. Numru ta' permessi ġodda mogħtija skond l-Artikoli 6 u 8 sa l-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 4a)	5. Numru ta' permessi ta' qabel l-*IPPC* ikkunsidrati mill-ġdid iżda mhux aġġornati sa l-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 4b)	6. Numru ta' permessi ta' qabel l-*IPPC* ikkunsidrati mill-ġdid u aġġornati sa l-2008 (ara n-nota 4c)	7. In-numru, jekk hemm, ta' permessi li jibqa' sa l-aħħar ta' l-2008 (f'kunflitt mad-Direttiva), (ara nota 5)	8. Numru ta' installazzjonijiet (1+3)	9. Numru ta' applikazzjonijiet għal "bidliet sostanzjali" ddeterminati waqt il-perjodu ta' rappurtaġġ (ara n-nota 6)	10. Numru, jekk hemm, ta' permessi li jibqa' sa l-aħħar ta' Ottubru 2007 (f'kunflitt mad-Direttiva), (ara n-nota 7)
3.2. Produzzjoni ta' asbestos										
3.3. Manifattura tal-ħġieġ										
3.4. Tidwib tal-minerali										
3.5. Manifattura taċ-ċeramika										
4. **Kimiċi (ara nota 8)**										
4.1. Produzzjoni ta' kimiċi organiċi										
4.2. Produzzjoni ta' kimiċi mhux organiċi										
4.3. Produzzjoni tal-fertilizzanti										

Tip ta' installazzjoni bbażata fuq l-attività'ta' l-Anness 1 għad-Direttiva 96/61/KE (ara n-nota 1)	Permessi għal INSTALLAZZJONIJIET ĠODDA (Artikolu 4)		Permess għal installazzjonijiet eżistenti (Artikolu 5(1))							
	1. Numru ta' installazzjonijiet ġodda li jkunu qed joperaw fl-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 2)	2. Numru ta' permessi mogħtija sa l-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 3)	3. Numru ta' installazzjonijiet eżistenti li jkunu qed joperaw fl-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 2)	4. Numru ta' permessi ġodda mogħtija skond l-Artikoli 6 u 8 sa l-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 4a)	5. Numru ta' permessi ta' qabel l-*IPPC* ikkunsidrati mill-ġdid iżda mhux aġġornati sa l-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 4b)	6. Numru ta' permessi ta' qabel l-*IPPC* ikkunsidrati mill-ġdid u aġġornati sa l-2008 (ara n-nota 4c)	7. In-numru, jekk hemm, ta' permessi li jibqa' sa l-aħħar ta' l-2008 (f'konflitt mad-Direttiva), (ara nota 5)	8. Numru ta' installazzjonijiet (1+3)	9. Numru ta' applikazzjonijiet għal "bidliet sostanzjali" ddeterminati waqt il-perjodu ta' rappurtaġġ (ara n-nota 6)	10. Numru, jekk hemm, ta' permessi li jibqa' sa l-aħħar ta' Ottubru 2007 (f'konflitt mad-Direttiva), (ara n-nota 7)
4.4 Produzzjoni ta' prodotti għas-saħħa tal-pjanti/bijoċidi										
4.5. Produzzjoni tal-farmaċewtiċi										
4.6. Produzzjoni ta' splussivi										
5. **Skart**										
5.1. Rimi jew irkupru ta' skart perikoluż										
5.2. Ħruq ta' skart muniċipali										
5.3. Rimi ta' skart mhux perikoluż										
5.4. *Landfills*										

Tip ta' installazzjoni bbażata fuq l-attività'ta' l-Anness 1 għad-Direttiva 96/61/KE (ara n-nota 1)	Permessi għal INSTALLAZZJONIJIET ĠODDA (Artikolu 4)		Permess għal installazzjonijiet eżistenti (Artikolu 5(1))							
	1. Numru ta' installazzjonijiet ġodda li jkunu qed joperaw fl-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 2)	2. Numru ta' permessi mogħtija sa l-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 3)	3. Numru ta' installazzjonijiet eżistenti li jkunu qed joperaw fl-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 2)	4. Numru ta' permessi ġodda mogħtija skond l-Artikoli 6 u 8 sa l-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 4a)	5. Numru ta' permessi ta' qabel l-*IPPC* ikkunsidrati mill-ġdid iżda mhux aġġornati sa l-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 4b)	6. Numru ta' permessi ta' qabel l-*IPPC* ikkunsidrati mill-ġdid u aġġornati sa l-2008 (ara n-nota 4c)	7. In-numru, jekk hemm, ta' permessi li jibqa' sa l-aħħar ta' l-2008 (f'konformità mad-Direttiva), (ara nota 5)	8. Numru ta' installazzjonijiet (1+3)	9. Numru ta' applikazzjonijiet għal "bidliet sostanzjali" ddeterminati waqt il-perjodu ta' rappurtaġġ (ara n-nota 6)	10. Numru, jekk hemm, ta' permessi li jibqa' sa l-aħħar ta' Ottubru 2007 (f'konformità mad-Direttiva), (ara n-nota 7)
6. **Oħrajn**										
6.1. (a) Produzzjoni tal-polpa għall-karta										
6.1. (b) Produzzjoni ta' karta u kartun										
6.2. Trattament minn qabel jew tiżbigħ ta' fibri jew tessuti										
6.3. Ikkunzar tal-ġlud										
6.4. (a) Biċċeriji										
6.4 (b) Trattament u pproċessar ta' prodotti ta' l-ikel										
6.4 (c) Trattament u proċessar tal-ħalib										

Tip ta' installazzjoni bbażata fuq l-attività'ta' l-Anness 1 għad-Direttiva 96/61/KE (ara n-nota 1)	Permessi għal INSTALLAZZJONIJIET ĠODDA (Artikolu 4)		Permess għal installazzjonijiet eżistenti (Artikolu 5(1))							
	1. Numru ta' installazzjonijiet ġodda li jkunu qed joperaw fl-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 2)	2. Numru ta' permessi mogħtija sa l-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 3)	3. Numru ta' installazzjonijiet eżistenti li jkunu qed joperaw fl-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 2)	4. Numru ta' permessi ġodda mogħtija skond l-Artikoli 6 u 8 sa l-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 4a)	5. Numru ta' permessi ta' qabel l-*IPPC* ikkunsidrati mill-ġdid iżda mhux aġġornati sa l-aħħar ta' l-2008 (ara n-nota 4b)	6. Numru ta' permessi ta' qabel l-*IPPC* ikkunsidrati mill-ġdid u aġġornati sa l-2008 (ara n-nota 4c)	7. In-numru, jekk hemm, ta' permessi li jibqa' sa l-aħħar ta' l-2008 (f'kunflitt mad-Direttiva), (ara nota 5)	8. Numru ta' installazzjonijiet (1+3)	9. Numru ta' applikazzjonijiet għal "bidliet sostanzjali" ddeterminati waqt il-perjodu ta' rappurtaġġ (ara n-nota 6)	10. Numru, jekk hemm, ta' permessi li jibqa' sa l-aħħar ta' Ottubru 2007 (f'kunflitt mad-Direttiva), (ara n-nota 7)
6.5. Rimi u riċiklaġġ tal-karkassi ta' l-annimali										
6.6 (a) Trobbija intensiva tat-tjur										
6.6 (b) Trobbija intensiva tal-ħnieżer għall-produzzjoni										
6.6 (c) Trobbija intensiva ta' ħnieżer femminili										
6.7. Trattament tal-wiċċ bl-użu ta' solventi orġaniċi										
6.8. Produzzjoni ta' faħam jew elettrografftt										
Totali										

Tabella 2

	Total (ara n-nota 9)
In-numru totali ta' permessi kkunsidrati bħala lment (Tabella 1 kolonni 2+4+5+6)	
In-numru totali, jekk hemm, ta' permessi li jibqa' sa l-aħħar ta' l-2008 (f'kunflitt mad-Direttiva) (Tabella 1 kolonna 7)	

Noti:

Nota ġenerali: Din it-*template* hija għal ġbir tad-dejta fuq numri ta' "installazzjonijiet" kif ddefinit bl-Artikolu 2(3) u "permessi" kif ddefinit bl- Artikolu 2(9). In-numri għall-installazzjonijiet u l-permessi mhux se jkunu neċessarjament identiċi għax, skond l-Artikolu 2(9), permess jista' jkopri parti minn installazzjoni, installazzjoni sħiħa, jew iktar minn installazzjoni waħda. Iktar gwida u spjegazzjoni dwar id-dejta mfittxija fit-Tabelli 1 u 2 jingħataw fin-noti 1-10 hawn taħt. L-Istati Membri huma mitluba li jimlew it-Tabella 1 kemm jista' jkun possibbli. L-Istati Membri għandhom mnejn ikun jridu jżidu xi kummenti addizzjonali (pereżempju dwar restawr tal-post) jekk jinħtieġ biex jispjegaw u jappoġġjaw id-dejta fit-Tabelli 1 u 2. In-numru ta' permessi għandu jinkludi l-permessi kollha li nħarġu wara d-data ta' transpożizzjoni tad-Direttiva 96/61/KE (it-30 ta' Ottubru 1999) għall-installazzjonijiet li jkunu għadhom qed joperaw sa l-aħħar ta' l-2008.

1. Għall-kolonni kollha bin-numri mill-1-10, it-Tabella 1 tipprovdi *template* għall-ġbir tad-dejta bbażat fuq l-attività ewlenija ta' installazzjoni fl-Anness 1. Jekk hu possibbli l-informazzjoni għandha tkun ipprovduta fil-livell tas-subintestaturi ta' l-Anness I (1.1, 2.3(a), 6.4(b), eċċ.). Il-kolonna fuq in-naha tal-lemin għalhekk tistabbilixxi n-numri relevanti tas-subintestatura ta' l-Anness I u taqsira tad-deskrizzjoinijiet korrispondenti ta' l-attività (ara l-Anness I għad-Direttiva 96/61/KE għad-deskrizzjonijiet totali inkluż il-limiti). Meta timtela t-Tabella 1, huwa importanti li l-istess installazzjoni ma tingħadx iktar minn darba, anke jekk tkopri ħafna attivitajiet. Meta installazzjoni jew permess ikun fih attivitajiet taħt tnejn jew iktar kategoriji ta' l-Anness 1, għalhekk, għandha tkun elenkata ma' kategorija waħda biss ta' l-Anness I (eż. dik li tiddeskrivi l-aħjar l-installazzjoni jew il-permess).

2. Il-Kolonni 1 u 3 jitolbu għadd sempliċi tan-numri ta' l-installazzjonijiet ġodda u eżistenti rispettivament, għal kull tip ta' attività ewlenija, li kienu qed joperaw fl-aħħar tal-perjodu tar-rappurtaġġ. "Installazzjonijiet eżistenti" huma dawk ddeterminati skond l- Artikolu 2(4) tad-Direttiva 96/61/KE, u "installazzjonijiet oħra" huma l-oħrajn kollha. Il-Kolonna 8 mbagħad tirrappreżenta sempliċement is-somma taċ-ċifri fil-kolonni 1 u 3.

3. Il-Kolonna 2 titlob dejta fuq numru ta' permessi mogħtija lill-installazzjonijiet ġodda skond l-Artikolu 4 sa l-aħħar tal-perjodu ta' rappurtaġġ. Kif imsemmi fin-nota ġenerali hawn fuq, dan mhux bilfors ikun l-istess bħan-numru ta' installazzjonijiet, anke jekk l-installazzjonijiet kollha ġodda jkunu permessi totalment.

4. Il-kolonni 4-6 jkopru l-metodi varji fejn l-installazzjonijiet eżistenti jistgħu jkunu suġġetti għall-permessi li huma kkunsidrati konformi mad-Direttiva 96/61/KE. Dan huma kif ġej:

   (a) l-għoti ta' permess skond il-proċedura stabbilita bl-Artikoli 6 u 8. Il-kolonna 4 tirreferi għat-tali permess bħala permess ġdid. Iċ-ċifri jinkludu li t-tali permessi ġodda mogħtija bħala konsegwenza ta' "bidla sostanzjali" proposta.

   (b) bħala alternattiva biex tapplika l-proċedura ta' l-Artikoli 6 u 8, l-Artikolu 5(1) jippermetti l-awtorità kompetenti biex iġġib l-installazzjonijiet eżistenti f'konformità "bil-kunsiderazzjoni mill-ġdid u fejn jinħtieġ bl-aġġornament" il-kundizzjonijiet li għalihom kienu diġà suġġetti l-installazzjonijiet, eż. taħt dak li jista' jissejjaħ permess ta' qabel l-*IPPC* (jiġifieri, permess maħruġ skond il-leġiżlazzjoni li tipprevedi d-Direttiva 96/61/KE). Il-kolonna 5 titlob dejta għal dawk il-każi fejn il-kundizzjonijiet tat-tali permess ta' qabel l-*IPPC* kienu kkunsidrati mill-ġdid, iżda ma sar l-ebda aġġornament minħabba li l-kundizzjonijiet kienu kkunsidrati li kienu diġà konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 96/61/KE.

(c) fl-istess mod, il-kolonna 6 titlob dejta f'dawk il-każi fejn il-kundizzjonijiet tal-permess ta' qabel ta' l-*IPPC* ġew ikkunsidrati mill-ġdid, u imbagħad aġġornati sabiex jikkonformaw mad-Direttiva 96/61/KE. Dan jinkludi tali permess bħal dan fejn il-kunsiderazzjoni mill-ġdid u l-aġġornament ġew bħala konsegwenza tal- "bidla sostanzjali" proposta.

5. Il-kolonna 7 titlob dejta fuq kwalunkwe permess għall-installazzjonijiet eżistenti li kien għad kellhom jinħarġu, jew jiġu kkunsidrati mill-ġdid jew aġġornati jekk jixraq, fl-aħħar tal-perjodu tar-rappurtaġġ, f'kunflitt mar-rekwiżiti ta' l-Artikolu 5(1). L-Istati Membri huma mitluba biex jiddeskrivu kif qed jittrattaw kwalunkwe rekwiżiti ta' permessi bħal dawn.

6. Il-kolonna 9 titlob dejta dwar numru ta' applikazzjonijiet għall-permess (jew aġġornamenti tal-permess) minn operaturi ta' installazzjonijiet eżistenti jew ġodda fir-rigward ta' "bidla sostanzjali" proposta kif iddefinit bl-Artikolu 2(10(b)) li kienu ddeterminati waqt il-perjodu tar-rapportaġġ. Dan jinkludi bidliet sostanzjali li diġà saru suġġett li jikkonformaw mad-Direttiva 96/61/KE.

7. Il-Kolonna 10 titlob dejta dwar kwalunkwe permess għal installazzjonijiet eżistenti li kien għad kellhom jinħarġu, jew jiġu kkunsidrati mill-ġdid jew aġġornati jekk jixraq, fl-aħħar ta' Ottubru 2007, f'kunflitt mar-rekwiżiti ta' l-Artikolu 5 (1). L-Istati Membri huma mitluba jiddeskrivu kif qed jitrattaw kwalunkwe rekwiżiti ta' permessi pendenti bħal dawn.

8. Għalkemm l-Istati Membri huma ġeneralment mitluba biex jirrapportaw it-tipi ta' attivitajiet ewlenin elenkati fit-Tabella 1 sakemm jista' jkun, huwa magħruf li s-settur tal-kimiċi huwa speċjalment kumpless f'dan ir-rigward, u li bosta installazzjonijiet kimiċi jwettqu iktar minn attività waħda kif definit fis-subintestaturi ta' l-Intestatura 4. L-Istati Membri għalhekk huma mitluba li jirrapportaw skond is-subintestaturi jekk hija disponibbli d-dejta, u jekk le jirrapportaw biss iċ-ċifri globali għall-Intestatura 4 (jiġifieri ebda ċifra għas-subintestaturi individwali).

9. It-Tabella 2 għandha l-għan li tipprovdi n-numru totali ta' permessi kkunsidrati bħala lment jew pendenti fl-aħħar tal-perjodu tar-rapportaġġ. L-ewwel ringiela tirrapreżenta s-somma tat-totali tal-kolonni 2, 4, 5 u 6 tat-Tabella 1. It-tieni ringiela tirrapreżenta t-total tat-Tabella 1.